# Mro. Antonio Miruzzi u Soċjetà Filarmonika 'La Vincitrice'

Mija u ħamsin sena minn twelidu



Manoel Pirotta
manoel.pirotta@um.edu.mt

Astratt: Kif inhu xieraq, f'dis-sena partikolari, għadd ta' baned qed jiċċelebraw bil-kbir l-anniversarju mit-twelid ta' Mro. Antonio Miruzzi li kien wieħed mill-kompożituri l-aktar prolifiċi li qatt rat Malta fil-qasam bandistiku. Fir-riċerka dejjem għaddejja tiegħi fuq ħajtu u ħidmietu, huwa kważi impossibli li wieħed jirnexxilu jiġbor lista sħiħa ta' xogħlijietu. Dan peress li, uħud minnhom lanqas biss nafu li kitibhom hu jew li huma tiegħu, u oħrajn spiċċaw intilfu jew inqerdu darb' għal dejjem. Mill-banda l-oħra, qed insib għajnuna kbira min-naħa ta' dawk is-soċjetajiet tal-banda li f'xi żmien jew ieħor kellhom lil Mro. Antonio Miruzzi bħala surmast-direttur tagħhom. Ma' kull banda li huwa kien magħha żgur li b'xi mod ħalla l-impronta tiegħu, f'dak li huwa tagħlim, direzzjoni tal-banda u bċejjeċ mużikali. B'xorti tajba, għadd imdaqqas minn dax-xogħlijiet jinsabu merfugħin b'għożża kbira f'diversi arkivji tal-banda mxerrdin mal-gżejjer Maltin. Il-pinna mgħallma tiegħu tant kienet waħda sabiħa u tal-widna, li uħud mix-xogħlijiet tiegħu, kbar u żgħar, għandhom jindaqqu sal-ġurnata tal-lum fosthom, innijiet kbar u popolari, marċi brijużi, kif ukoll funebri.

Kliem muftieħ: Mro. Antonio Miruzzi, University of Malta Junior College, Għaqda Każini tal-Banda, Soċjetà Filarmonica 'San Ġorġ (Bormla), Soċjetà Filarmonika La Vincitrice (Isla), Soċjetà Mużikali San Ġużepp (Ħamrun), Soċjetà Filarmonica 'San Piju X' (Lija), Għaqda Mużikali 'Sant' Andrija' (Luqa), Soċjetà Mużikali Nicolò Isouard (Mosta), Soċjetà Filarmonika Santa Marija (Mosta), Soċjetà Filarmonica Nazionale 'La Valette' (Valletta), Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' (Victoria, Għawdex), Għaqda Mużikali 'Beland' (Żejtun).



Mro. Antonio Miruzzi żgħażugħ

Waħda mill-ħafna baned Maltin li kellha x-xorti dduq mill-ħila tal-bakketta mużikali tiegħu hija proprju s-Soċjetà Filarmonika 'La Vincitrice' tal-Isla. Mill-istorjografi ta' dis-soċjetà Sengleana stajna nsiru nafu li, Mro. Antonio Miruzzi kien jidderiġiha bejn is-snin 1890-94 fi żmien meta dil-banda kienet ukoll magħrufa bħala 'La Vincitrice'[1] Mro. Miruzzi kien għadu fil-bidu tal-karriera professjonali mużikali tiegħu peress li, fl-istess żmien, jiġifieri fl-1890, kien beda jgħallem ukoll lill-allievi Beltin bħala *Maestro Istruttore* fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika Nazzjonali 'La Valette'. Għall-bidu, ix-xewqa tiegħu kienet li jagħmel karriera professjonali fid-direzzjoni barra minn xtutna billi jimbarka fuq xi bastiment navali Ingliż. Dan kellu jagħmlu eżatt wara li jtemm l-istudji mużikali tiegħu f'konservatorju ġewwa l-Italja li s'issa għadna ma nafux x'jismu.[2] Għaldaqstant, fl-ewwel nofs tal-aħħar deċennju tas-seklu dsatax insibu li kien tela' Tuneż flimkien ma' martu Konċetta fuq stedina tal-Maltin t'hemmhekk għax xtaqu li jgħaqqdilhom soċjetà mużikali wara li kienu semgħu bil-ħila mużikali tiegħu. Dil-banda kienet twaqqfet tassew, u l-Maltin ta' Tuneż semmewha *(Filarmonica) Melitensis La Valette*

---

[1] Fl-1903 dil-banda Sengleana kienet biddlet isimha għal dak ta' 'Queen's Own' f'ġieħ ir-Reġina Alexandra, mart ir-Re Dwardu VII tal-Ingilterra. Dat-titlu kien ingħata fl-okkażjoni tal-vista rjali tagħhom fi gżiritna nhar is-16 ta' April tas-sena imsemmija. Wara snin kbar b'dal-isem, l-istess banda reġgħet qelbet għall-isem oriġinali tagħha.

[2] Dal-pjan ma kienx seħħlu minn kif jirrakkonta Mro. Michael Chircop f'intervista li kien għamel lil bint il-kompożitur fil-bidu tas-70ijiet tas-seklu l-ieħor. B'xorti tajba għall-baned Maltin, id-destin ried li Mro. Antonio Miruzzi jibqa' hawn Malta.

b'sens ta' rispett lejn is-Soċjetà mużikali Beltija.[3]

Fl-istess żmien li hu kien imexxi l-banda Sengleana kien ħa wkoll f'idejh is-Soċjetà Mużikali u Filarmonica 'Leone' tal-Victoria t'Għawdex bejn l-1890 u l-1893. Dan kien possibli grazzi għal zijuh stess, Mro. Paolo Miruzzi (2.iii.1852[4] – 6.v.1888).[5] Fl-istorja twila tal-Banda 'Leone' insibu mniżżlin ħafna ġrajjiet importanti li seħħew meta Mro. Antonio Miruzzi kien surmast, u li għalihom kien idaħħal xogħlijiet ġodda tiegħu fosthom, *Rank of Corporal* u *San Paolo* (Passo Doppio), *Il Pensiero* (Valz), u *La Promessa* (Polka).[6] Fl-istess arkivju tas-soċjetà Għawdxija nsibu wkoll għadd ta' marċ funebri mill-pinna tiegħu, ħafna minnhom bla isem, fosthom wieħed li jġib id-data tas-7 ta' Marzu 1894.

Mhux l-istess xorti jidher li messet lis-soċjetà Sengleana f'dawk li huma xogħlijiet li ħarġu mill-pinna ta' Mro. Miruzzi. Dan għaliex, fi żmien l-aħħar Gwerra Dinjija, il-każin kien iġġarraf, u miegħu jidher li nqerdu wkoll il-partituri kollha li kienu jinsabu merfugħin b'għożża kbira fl-arkivju.[7] Minħabba f'hekk ukoll, ma nafux lanqas jekk Mro. Miruzzi laħaqx kiteb xi mużika espressament għall-banda 'La Vincitrice' fl-erba' snin li dam jidderiġiha. Fl-istess sena li hu iddimetta minn mal-banda Sengleana kien ħa f'idejh is-Soċjetà Filarmonica 'Nicoló Isouard'. Taħtu, dil-banda Mostija għamlet progress kbir u saret ferm popolari. Hu ħallielha diversi xogħlijiet tiegħu, fosthom 'Innu Nicolò Isouard' (innu tal-banda), 'Omaggio Nicolò Isouard' (*marcia sinfonica*), 'Alla Beata Maria Vergine' (innu solenni), 'O Del Cielo Regina' (1897) (*marcia religiosa*), kif ukoll sett ta' marċi funebri.


Mro. Antonio Miruzzi ta' mezz'età

**PROFIL: MRO. ANTONIO MIRUZZI** (10.x.1867 – 23.x.1944) twieled il-Furjana minn Ġużeppi u Mikelina Brincat. Għadu tfal safa ltim u spiċċa f'orfanatrofju l-Belt[8]. Tgħallem idoqq u jikteb il-mużika taħt zijuh stess, Mro. Pawlu Miruzzi. Ħafna jgħidu li, huwa kompla jistudja wkoll barra minn xtutna, aktarx fl-Italja[9]. Bħala karattru, għad li kien dħuli u u kellu manjieri senjorili, kien surmast tal-akbar dixxiplina waqt il-provi u/jew l-esekuzzjonijiet. Minkejja dan, il-bandisti kienu xorta waħda jammirawh ħafna għall-mod ta' kif kien jgħallem, għad-direzzjoni impekkabbli tiegħu, u għax-xogħlijiet mużikali li hu kien ta' spiss jinseġ u li bihom għana sewwa lill-baned Maltin. Fost xogħlijietu, fil-biċċa l-kbira tagħhom bandistiċi, insibu fantasiji, sinfoniji, melodiji u ħafna u ħafna mużika ballabbli. Kien magħruf ħafna wkoll għall-marċi brijużi li kien jikteb. Ma naqsux ukoll, xi marċi funebri mill-pinna tiegħu, u li sal-lum, għadhom jindaqqu minn bosta baned fil-funerali u fi programmi sagri. Mro. Miruzzi kien miżżewweġ lil Konċetta Cauchi, u minnha, nifhmu li kellu tifel u żewġt ibniet. Miet il-Ħamrun u sarlu funeral kbir li fih attendew rappreżentanti ta' diversi għaqdiet mużikali li lkoll ġew biex jagħtu l-aħħar tislima lil dal-kompożitur prolifiku Malti li ta ħajtu għall-mużika.

Għeluq: Dal-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Sengleani għal tliet raġunijiet: (a) fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Marija Bambina li qed tiġi ċċelebrata ġewwa l-Isla; (b) fl-okkażjoni tal-150 mit-twelid ta' Mro.

---

[3] Il-Banda 'La Valette' kienet għamlet żjara f'Tuneż f'April tal-1891.

[4] website.lineone.net/~remosliema/maltese_seamen_in_the_**royal**_**navy**m2.htm

[5] Donnu li, in-neputi xtaq jimxi fuq il-passi ta' zijuh. Dan peress li, f'Jannar 1874, Mro. Paolo Miruzzi kien ingaġġa ruħu man-Nejvi Rjali bħala *bandsman* fuq l-*HMS Doris*. In-numru tas-servizz tiegħu kien 84986. Kien serva wkoll fuq diversi vapuri oħra qabel ma telaq min-Nejvi f'Diċembru 1883.

[6] Ġeneralment, kull programm importanti li kien ikollu kien iħobb jibdieh b'xi marċ u jispiċċah b'xi valz jew polka oriġinali tiegħu.

[7] Il-każin tal-Banda kien iġġarraf f'April tal-1942 u 'fih kien intilef kollox; l-arkivju tal-każin, strumenti, apparat, u wisq u wisq affarijiet ta' preġju, kemm għall-istorja tal-mużika f'Malta, kif ukoll għall-istorja tal-Isla.' (L-istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex', pġ. 71). Il-każin li hemm wieqaf illum inbena wara l-aħħar gwerra.

[8] Skont l-artiklu ta' Mro. Michael Chircop dan ġara fl-1873, i.e. meta kellu biss sitt snin.

[9] Skont l-istess artiklu ta' Mro. Michael Chircop, Mro. Miruzzi kien intbagħat jistudja l-Italja ta' 17-il sena, i.e. fl-1884. Iżda l-artiklu ma jsemmi la isem il-konservatorju u lanqas il-post fejn mar jistudja.

Antonio Miruzzi (1867-1944); (ċ) fl-okkażjoni ta' għeluq it-30 sena tiegħi bħala għalliem tal-mużika fi skejjel statali u indipendenti (1987-2008), u lettur, illum anzjan, fil-*University of Malta Junior College* sa mill-1999.

Aktar artikli mill-istess awtur dwar ħajjet u ħidmet is-surmast Antonio Miruzzi, jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)